# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum id-29 ta' Novembru, 2018.**

**Rikors Numru 721/2012**

**Matthew Marshall**
**(I.D. 394878 (M))**

**vs.**

**Francesco maghruf bhala Frans Caruana (I.D. 368441 (M)) u martu Maria Caruana (I.D. 538442 M) ghal kull interess li jista' jkollu u bhala koproprjetarja tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom**

**u**

***Elmo Insurance Limited* bhala agenti u in rapprezentanza tal-assikurat taghhom Frans Caruana sia bil-polza u sia bil-ligi**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat it-18 ta' Lulju, 2012, li permezz tieghu sintetikament espona is- segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi waqt li fil-15 ta' Novembru, 2010, waqt li kien qed isuq il-mutur bin-numru LCJ – 417 fi Triq San Gorg, San Giljan, fid-direzzjoni ta' Paceville, gie investit mill-vettura bin-numru ABR – 302 misjuga minn Frans Caruana;

1.2. Illi konsegwenza tal-istess sofra diversi feriti ta' natura gravi u baqa' jbati minn debilita` permanenti bil-konsegwenza li ma jistax isuq, jimxi u jahdem normali;

1.3. Illi anke l-mutur tieghu gratlu hsara konsiderevoli liema mutur ittiehed mill-Pulizija minhabba l-inkjesta li inzammet u kien ritornat madwar sena wara l-incident;

1.4. Illi ghalhekk sofra wkoll danni sakemm isewwa l-istess mutur u konsegwentement tat-telf tal-uzu tal-istess, sofra danni ulterjuri sakemm l-istess mutur dam fil-pussess tal-Pulizija;

1.5. Illi ghall-incident stradali in dizamina kien jahti unikament ir-rikorrenti Frans Caruana minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku meta hin bla waqt ghamel "*right hand turn*" biex minn Triq San Gorg jitla Triq il-Mensija b'mod li ostakola l-passagg liberu tieghu;

1.6. Illi *nonostante* li interpellat biex jaghmel tajjeb ghall-akkadut flimkien mas-socjeta` assikuratrici tieghu, l-intimat u l-istess socjeta` asskuratrici baqghu inadempjenti;

1.7. Illi ghalhekk aderixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara li l-incident *de quo* sehh unikament tort ta' Frans Caruana, u *in subsidium*, inkwantu ghall-hlas tad-danni kkagunati lir-rikorrenti,

tiddikjara risponsabbli lis-socjeta` assikuratrici tieghu s-socjeta` *Elmo Insurance Limited*;

1.7.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti:

1.7.2.i. Kemm ghall-hsarat fuq il-mutur, kemm ghal danni konsistenti *f'loss of use* tal-mutur mid-data tal-incident *stante* li ma setghax jigi nsewwi billi s-socjeta` assikuratrici fuq indikata qatt ma baghtet *surveyor* fir-rigward;

1.7.2.ii. Kemm ghad-danni sofferti mir-rikorrenti ghaz-zmien li kien kostrett jaghmel l-isptar u ghaz-zmien li baqa' b'dizabilita` permanenti billi ma setghax jimxi, jsuq jew jahdem normali;

1.7.2.iii. Kemm ghad-danni minnu sofferti f'*lucrum cessans* billi ghadu jsofri minn debilita` permanenti;

jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti *nominandi*;

1.7.3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsuh id-danni hekk likwidati;

1.7.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat is-16 t'Awwissu, 2012, li permezz tieghu appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 5), flimkien mad-digriet ulterjuri tal-istess data hawn indikata li permezz tieghu tat l-istruzzjoni taghha lill-partijiet, (ara foll 6);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata d-9 t'Ottubru, 2012, li permezz taghha l-intimati rrispondew ghat-talbiet tar-rikorrenti bil-mod segwenti, (ara foll 12):

3.1. Illi l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta *stante* li l-incident *de quo* mhux inputabbli ghal xi htija jew

nuqqas ta' l-intimat Caruana izda sehh unikament tort u htija tar-rikorrenti;

3.2. Illi ghalhekk, l-ewwel (1) talba, (kwantu diretta kontra s-socjeta` intimata), u t-tieni (2) talba, ghandhom jigu wkoll respinti *stante* li m'hemmx danni x'jigu likwidati;

3.3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-entita` tad-danni pretizi hu kkontestat;

3.4. Illi ghalhekk ghandha ssir il-prova tad-danni skont il-ligi;

3.5. Illi t-tielet (3) talba tar-rikorrenti ghandha wkoll tigi respinta *stante* li l-intimati m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu l-ebda danni lir-rikorrenti;

3.6. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-20 ta' Novembru, 2012, fejn wara talba appozita tar-rikorrenti bil-visto tal-kontroparti, (ara foll 15), hatret lill-periti teknici minnha hemm indikati, (ara foll 17, 18 u 20);

5. Rat id-digriet tal-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti datat l-14 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu innominat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 21 u 22);

6. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat l-24 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju *de quo* biex tirritorna l-inkartament fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 58);

7. Rat id-digriet taghha datat it-30 ta' Jannar, 2018, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 396), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 397);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-15 ta' Mejju, 2018, (ara foll 399), u tirrileva li ghalkemm debitament awtorizzati biex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet, l-intimati baqghu inadempjenti;

9. Semghet ix-xhieda prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti kopjuzi pprezentati *in atti* flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati esposti;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi waqt li ghall-habta tas-2.10p.m. u s-2.30p.m. tal-15 ta' Novembru, 2010, ir-rikorrenti kien qed isuq il-mutur numru LCJ – 417 fi Triq San Gorg, San Giljan, kien involut f'habta mal-intimat Frans Caruana li kien qed isuq il-vettura numru ABR – 302 assikurata mas-socjeta` assikuratrici intimata, (ara foll 36, 88 u 380);

11.2. Illi l-konducenti tal-mutur u tal-vettura hekk involuti fl-incident *de quo* kienu qed isuqu f'direzzjonijiet opposti u t-tnejn riedu jduru ghal Triq il-Mensija, San Giljan, (ara foll 36 u 380);

11.3. Illi l-partijiet involuti fl-incident in dizamina ma jaqlux fuq id-dinamika tal-incident:

11.3.1. Ir-rikorrenti jsosstni li Caruana qabad u kiser mit-triq principali fejn kienu ghat-triq sekondarja u dan, minghajr pre-avviz u minghajr ma uza *indicator* jew jieqaf, biex b'hekk, ma tahx cans li jwaqqaf il-mutur tieghu fil-hin biex jevita l-incident, (ara foll 36);

11.3.2. L-intimat isosstni mal-ispettur li kellmu *a tempo vergine* li ried jikser ghal Triq il-Kbira, xeghel l-*indicator* u meta gie biex jikser sab persuna taqsam it-triq u konsegwentement kellu jieqaf u meta kien hekk wieqaf ra mutur gej u baqa' diehel fil-vettura tieghu, (ara foll 88 u 380);

11.4. Illi r-rikorrenti ittiehed immedjatament l-isptar permezz t'ambulanza, (ara foll 89 u 186);

11.5. Illi skont xhud okolari jirrizulta li waqt li kienet tiela Triq San Gorg, San Giljan, mutur akkosta hdejha u sussegwentement gie vann li minghajr ma waqaf jew xeghel *indicator* u minn imkien qabad u qasam it-triq quddiemha u laqghat il-mutur bil-konsegwenza li tajjar lill-moto-ciklist, (ara foll 32, 42, 373, 374 u 389), fejn jigi sottolineat li anke giet kontradetta l-allegazzjoni tal-intimat li kien hemm xi nies jaqsmu t-triq fil-mument tal-incident;

11.6. Illi r-rikorrenti jsosstni li rizultat tal-incident *de quo* qieghed isofri minn dizabilita` permanenti;

11.7. Illi skont ir-relazzjoni tal-esperti medici nominati minn din il-qorti diversament preseduta, r-rikorrenti qieghed effettivament isofri minn dizabilita` permanenti ta' sitta fil-mija, (6%), (ara foll 75);

11.8. Illi minn rapporti *ex parte* prodotti mir-rikorrenti jirrizulta li dawn stabbilew id-dizabilita` permanenti riskontrata fir-rata totali ta' hamsa u ghoxrin fil-mija, (25%), (ara foll 131), mentri dik ortopedika fir-rata ta' hmistax fil-mija, (15%), (ara foll 131 u 180);

Ikkunsidrat:

12. Illi hu pacifiku li tramite l-procedura odjerna r-rikorrenti qieghed ifittex lill-intimati ghad-danni minnu sofferti rizultat tal-incident in dizamina;

13. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Vincent Schiavone *et* vs. Michael Psaila *et***, datata d-**29 ta' Mejju, 2014**, li rriteniet is-segwenti:

> "Ghas-success ta' azzjoni bhal dik *de quo*, hemm il-htiega li r-rikorrenti konkretament jistabbilixxu u jipprovaw, fil-grad rikjest mill-ligi f'kawzi simili, tlett ingredjenti fundamentali b'mod kumulattiv ossija:
>
> > "i. fl-ewwel lok, li kien hemm kondotta kolpuza tal-konvenuti li tirradika l-htija *ai termini* tad-disposizzjonijiet pertinenti tal-Kodici Civili;

“ii. fit-tieni lok, li jaghtu prova tal-hsara minnhom subita u tali prova ghandha tkun materjali u konkreta; u

“iii. fit-tielet u l-ahhar lok, li jirnexxielhom jorbtu l-ewwel punt mat-tieni wiehed *tramite* ness ezjologiku ta’ kawzalita`, li jfisser li kienet il-kondotta kwazi-delittwuza tal-konvenuti li direttament kkagunat is-sinistru (hsarat lamentati)”;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi fid-dawl tal-istess insenjament ser issa jigi ezaminat jekk kienx hemm kondotta kolpuza daparti tal-intimat:

14.1. Illi jirrizulta li r-rikorrenti kien qed isuq b’velocita` baxxa (ara foll 36);

14.2. Illi meta wasal hdejn stabbiliment tal-ikel fuq ix-xellug tieghu hu u tiela f’daqqa wahda giet il-vettura tal-intimat misjuqa l-isfel li istantanjament iddecieda li jdur lejn il-lemin minghajr l-ebda pre-avviz, (ara foll 36);

14.3. Illi konsegwentement l-intimat ma halla l-ebda opportunita` lir-rikorrenti biex jevita l-kollizjoni, (ara foll 36);

14.4. Illi din il-versjoni kif riprodotta fil-paragrafu precedenti hi korraborata mix-xhieda okulari, (ara foll 32, 42, 374 u 389);

14.5. Illi l-versjoni tal-intimat hi diametrikament opposta, (ara paragrafu numru hdax punt tlieta punt tnejn, (11.3.2.), aktar qabel), izda mhix konfortata b’xhieda okulari indipendenti;

Ikkunsidrat:

15. Illi in vista tal-istess il-qorti hi rinfaccata b'zewg versjonijiet kontrastanti;

16. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Alan Wood vs. Feras Ben-Saoud *et***, datata l-**14 ta' Dicembru, 2017**, li sosstniet is-segwenti:

> "Illi ghaldaqstant f'sitwazzjoni ta' verzjonijiet konfliggenti u opposti ghal xulxin, il-qorti trid bilfors tirrikorri ghal indizji ohra, bhal konsistenza fix-xhieda, verosimiljanza ghar-realta`, indizzji korroborattivi u anki preponderanza tal-probabiltajiet u possibbilitajiet li jistghu jnisslu certezza morali fil-gudikant. Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti m'huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja. Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili hu dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabbilitajiet";

17. Illi applikati s-suddetti principji ghac-cirkostanzi partikolari in dizamina jirrizulta li l-verzjoni tar-rikorrenti timmerita l-avall shih ta' din il-qorti, *molto piu` stante* li korraborrata b'xhieda okulari indipendenti ghall-partijiet;

18. Illi fid-dawl tal-istess jigi sottolineat li l-intimati ma irnexxilhomx iressqu xhieda in sostenn tat-tezi taghhom;

19. Illi fid-dawl tal-istess, din il-qorti hi konvinta li l-mod kif l-intimat bruskament iddecieda li jaqleb ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq hi effettivament il-kawza prossima tal-incident hawn in dizamina;

20. Illi ghalhekk din il-qorti tiddikjara li ghar-ragunijiet esposti qed tistrieh fuq il-versjoni tal-fatti kif esposti mir-rikorrenti u mix-xhieda okulari indipendenti prodotti u qed tiskarta l-versjoni tal-intimat Caruana *stante* li l-fatti esposti jindikaw b'mod car li kien l-intimat li subitanjament u minghajr pre-avviz, invada l-karreggiata minn fejn kien gej it-traffiku mid-direzzjoni opposta u ikkawza l-incident mertu tal-procedura odjerna;

21. Illi konsegwentement, *stante* li l-intimat ma zammx il-*proper out look* rikjest fis-sewqan, allura ghandu jinzamm risponsabbli tal-incident *de quo*;

22. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Anthony Piscopo vs. Ruth Theuma**, datata t-**23 t'Ottubru, 2013**, li f'dan ir-rigward irriteniet is-segwenti:

> "Illi ghandu jinghad li f'kollizjonijiet simili, il-qrati taghna gieli ccitaw insenjament ta' Mazengerb fejn jinghad li:
>
> > "*The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care which is not necessarily discharged by giving the conventional signal in the circumstances. If a driver turns out across the line of traffic after giving the usual signal he acts negligently unless he has at least reasonable ground besides the pure fact of his warming of believing that he can cut across without endangering approaching traffic*." (**On Negligence on the Highway**, pagna 329 *et sequitur*);
>
> > "Illi dan kollu fil-fatt ma hu xejn hlief estensjoni tar-regola generali ta' *proper look out* li jrid izomm is-sewwieq. L-artikolu 88 tal-**Highway Code** jghid:
> >
> > > "*Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of the following traffic. Signal your intention and when safe to do so, take the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn ...*"
> >
> > "Illi kif qalet il-**Qorti tal-Appell** fil-kawza fl-ismijiet "**Farrugia vs Ripard**" (deciza fil-**15 ta' Frar 1974**): "*Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza, dan irid jara li*

*ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta beda jaqsam izda anke sakemm jaqsam ghal kollox*." (sottolinear ta' din il-Qorti)".

Ikkunsidrat:

23. Illi fic-cirkostanzi kif irrizultaw lill-qorti l-intimat jirrizulta li kellu "*a special duty of care*" li jzomm "*a proper look out*" li jara kif kien qieghed jimxi t-traffiku qabel ma jazzarda manuvra biex jaqsam minn karreggjata ghal ohra – haga li jirrizulta assodat li naqas li jaghmel;

24. Illi in vista tal-premess l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi akkolta, (ara foll 2), filwaqt li ghandhom jigu respinti l-ewwel zewg risposti tal-intimati, (ara foll 12);

Ikkunsidrat:

25. Illi fir-rigward tad-**danni** subiti mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

**A. *Lucrum Cessans*:**

26. Illi fid-dawl tas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **James Spiteri vs. Joseph Magro *et***, datata l-**5 ta' Dicembru, 2014**, fejn hemm kien stabbilit li r-rikorrenti kellu 32 sena fid-data tal-incident, ser jigi hawn adoperat ***Multiplier*** ta **25**, (ara foll 126);

27. Illi r-rata ta' dizabilita` permanenti stabbilita mill-esperti medici nominati mill-qorti, li din il-qorti qed taghmel taghha *stante* li m'ghandiex ragunijiet validi biex ma taghmilx hekk, qed tigi stabbilita fir-rata komplessiva ta' 6%, (ara foll 75);

**B. L-Introjtu tar-Rikorrenti:**

Ikkunsidrat:

28. Illi jirrizulta li r-rikorrenti kien direttur f'diversi kumpaniji tal-familja, (ara foll 39);

29. Illi *nonostante* dan il-qorti hi rinfaccata b'nuqqas ta' kwalunkwe prova li tissosstanzja dak li jirritjeni r-rikorrenti li ghandu introjtu ta' €20,395.00, (ara foll 39);

30. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **George Grech *et* vs. Direttur tat-Toroq**, datata s-**26 ta' Gunju, 2009**, li ammoniet is-segwenti:

> "Il-Qorti taqbel mal-appellanti li fin-nuqqas ta' prova da parti ta' l-appellat dwar l-introjtu tieghu, l-ewwel qorti messha bbazat il-kalkolu taghha fuq il-paga minima nazzjonali u mhux fuq paga li ma giet stabbilita minn imkien;"

31. Illi fid-dawl ta' tali ammonizzjoni ser tapplika l-paga minima ta' €172.51 fil-gimgha ekwivalenti ghal tmint elef disa' mija u sebghin euro u tnejn u hamsin centezmu, (€8,970.52), annwi;

## C. Lump Sum Deduction:

Ikkunsidrat:

32. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Annunzjata *sive* Nancy Caruana vs. Odette Camilleri**, datata s-**27 ta' Frar, 2004**, li irriteniet is-segwenti:

> "... ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv";

33. Illi fis-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Joseph Agius *et* vs. *All Services Limited***, datata t-**2 ta' Gunju, 2005**, gie ritenut li:

> "F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("*lump sum payment*") lill-beneficcjarji. Jekk id-decisjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-

percentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi decisa";

34. Illi in vista tal-premess jinghad li l-*lump sum deduction* ghandha tkun ta' **14%**;

35. Illi in vista tal-premess il-***Lucrum Cessans*** ghandu jigi kkalkolat bil-mod segwenti:

**25 x 6% x €8,970.52 – 14% = €11,571.97**

Ikkunsidrat:

**B. Damnum Emergens:**

36. Illi r-rikorrenti jissottometti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li l-mutur qatt ma gie *surveyed* mis-socjeta` assikuratrici intimata (ara foll 405);

37. Illi kien allura minhabba f'hekk li l-mutur tar-rikorrenti ma ssewwiex;

38. Illi pero` l-istess rikorrenti jsosstni fir-rigward li l-mutur sofra biss hsarat kosmetici, xi brix, *indicators* imkissra, u l-mirja tal-gnub, (ara foll 36);

39. Illi l-*panel beater* tar-rikorrenti assigurah li l-mutur tieghu ma sofra l-ebda hsarat strutturali jew serji, (ara foll 36);

40. Illi fl-istess nota tieghu fuq riferita, (ara paragrafu numru hamsa u tletin, (35.), aktar qabel), ir-rikorrenti jsosstni li ghandhom jigu likwidati danni *arbitrio boni viri* fil-konfront tal-istess, (ara foll 405);

41. Illi pero` in vista li hawn *si tratta*, fi kliem l-istess rikorrenti, ta' danni kosmetici, ma thossx li hemm lok li jigu likwidati tali danni kif mitlub;

42. Illi konsegwenza tal-istess ghandhom jigu respinti t-tielet (3) u r-raba (4) risposti tal-intimati, (ara foll 12), flimkien mat-tieni (2) u it-tielet (3) talbiet *in parte* tar-rikorrenti, (ara foll 2 u 3);

Ikkunsidrat:

43.0. Illi in vista tal-istess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ssodisfa t-talbiet tieghu *in parte* kif fuq delineat, u konsegwentement:

**DECIDE:**

43.1. Takkolji l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti;

43.2. Tirrespingi l-ewwel zewg (2) risposti tal-intimati;

43.3. Tirrespingi wkoll *in parte* t-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet tar-rikorrenti;

43.4. Tirrespingi t-tielet (3) u r-raba (4) risposti tal-intimat;

43.5. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' hdax -il elf hames mija u wiehed u sebghin euro u sebgha u disghin centezmu, (€11,571.97);

43.6. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* biex ihallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;

43.7. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-intimati "*in solidum*".

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**